PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0109/2014**

14.2.2014

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar tarka kontra l-missili għall-Ewropa u l-implikazzjonijiet politiċi u strateġiċi tagħha
(2013/2170(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Sampo Terho

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

OPINJONI TAL-MINORANZA ...........................................................................................6

OPINJONI TAL-MINORANZA ...........................................................................................7

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....................................................8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar tarka kontra l-missili għall-Ewropa u l-implikazzjonijiet politiċi u strateġiċi tagħha**

**(2013/2170(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 24 u l-Artikolu 42(2) tat-TUE, l-Artikoli 122 u 196 tat-TFUE u d-Dikjarazzjoni 37 dwar l-Artikolu 222 tat-TFUE,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha, li ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2008,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà Interna, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-25 u s-26 ta' Marzu 2010,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni,

– wara li kkunsidra l-Kunċett Strateġiku għad-Difiża u s-Sigurtà tal-Membri tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, li ġie adottat fis-Summit tan-NATO f'Lisbona fid-19 u l-20 ta' Novembru 2010,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' Chicago maħruġa mill-Kapijiet tal-istat u l-gvern li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'Chicago fl-20 ta' Mejju 2012,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0109/2014),

A. billi l-kwistjoni tad-Difiża tal-Missili Ballistiċi (BMD) kienet diġà mqajma fil-passat iżda saret aktar attwali fis-snin riċenti fid-dawl tal-multiplikazzjoni ta' każijiet ta' theddid li jirriżultaw mill-proliferazzjoni ta' armi nukleari u ta' armi oħra ta' qerda tal-massa, u l-proliferazzjoni ta' missili ballistiċi li għalih l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) u l-alleati Ewropej tagħha għandhom ikunu kapaċi jirreaġixxu b'mod effettiv;

B. billi d-difiża kontra attakki ballistiċi jew tipi oħra ta' attakki missili tista' tikkostitwixxi żvilupp pożittiv fis-sigurtà Ewropea fil-kuntest ta' dinamika ta' sigurtà internazzjonali rapida, b'bosta atturi statali u mhux statali jiżviluppaw teknoloġiji missili u kapaċitajiet difensivi varji: kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN) bil-potenzjal li jintlaħaq territorju Ewropew;

C. billi n-NATO qed tiżviluppa kapaċità BMD biex issegwi l-kompitu ewlieni tagħha ta' difiża kollettiva, bil-għan li tipprovdi kopertura u protezzjoni totali għall-popolazzjonijiet, it-territorji u l-forzi Ewropej li huma membri tan-NATO, kontra t-theddid li qed jiżdied mill-proliferazzjoni ta' missili ballistiċi;

D. billi l-kontribut essenzjali tal-Istati Uniti għall-BMD huwa konferma tal-impenn tiegħu lejn in-NATO u s-sigurtà tal-Ewropa u l-alleati tal-Ewropa, u jenfasizza l-importanza tal-għaqda transatlantika, b'tagħmir diġà stazzjonat fir-Rumanija u iktar mistenni jiġi stazzjonat fil-Polonja fil-futur qrib;

E. billi l-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni se tiġi żviluppata b'komplementarjetà sħiħa man-NATO, fl-ambitu tal-qafas miftiehem għas-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO, kif ikkonfermat mill-Kunsill Ewropew fid-19 ta' Diċembru 2013;

1. Jargumenta li kif it-teknoloġiji BMD jiżviluppaw u jipu applikati, jinħolqu dinamiċi ġodda fis-sigurtà Ewropea, li jirriżulta fi ħtieġa għall-Istati Membri li jqisu l-implikazzjonijiet tal-BMD għas-sigurtà tagħhom;

2. Ifakkar li l-miżuri BMD tan-NATO jiġu żviluppati u mibnija biex jiddefendu l-istati membri tagħha minn attakki missili ballistiċi potenzjali; jistieden lill-Viċi President / Rappreżentant għoli ssegwi sħubija strateġika man-NATO, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tal-BMD, li għandha twassal għall-forniment ta' kopertura u protezzjoni totali għall-Istati Membri kollha, u b'hekk tiġi evitata sitwazzjoni fejn is-sigurtà mogħtija lilhom tkun differenzjata b'xi mod;

3. Jilqa' l-progress li sar mill-kapaċità intermedjarja BMD tan-NATO, li se tipprovdi kopertura massima fi ħdan il-mezzi disponibbli għad-difiża tal-popolazzjonijiet, territorji u forzi qalb stati membri Ewropej tan-NATO fin-Nofsinhar kontra attakk missili ballistiku; jilqa', ukoll, l-għan li jiġu pprovduti kopertura u protezzjoni totali għall-istati membri Ewropej tan-NATO sa tmiem id-deċennju;

4. Jenfasizza li l-inizjattivi tal-UE, bħall-Akkomunament u l-Kondiviżjoni, jistgħu jkunu ta' għajnuna fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-oqsma tal-BMD u fit-twettiq tax-xogħol konġunt tar-riċerka u l-iżvilupp; jinnota li, fuq terminu ta' żmien twil, tali kooperazzjoni tista' twassal ukoll għal aktar konsolidament tal-industrija tad-difiża Ewropea;

5. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u lill-Kunsill jinkludu kwistjonijiet tal-BMD fi stateġiji, studji u white papers futuri dwar is-sigurtà;

6. Jenfasizza li minħabba l-kriżi finanzjarja u tnaqqis fil-baġit, mhux qed jintużaw riżorsi biżżejjed biex jinżammu kapaċitajiet suffiċjenti għad-difiża, u dan iwassal għal tnaqqis fil-kapaċitajiet militari u l-kapaċità industrijali tal-UE;

7. Jenfasizza li l-pjan BMD tan-NATO bl-ebda mod huwa mmirat lejn ir-Russja u li n-NATO hija lesta tikkoopera mar-Russja fuq il-bażi tas-suppożizzjoni ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ sistemi ta' difiża missili indipendenti: il-BMD tan-NATO u dik tar-Russja; Jenfasizza l-fatt li għalkemm kooperazzjoni effettiva mar-Russja tista' ġġib benefiċċji

kalkolabbli, għandha tiġi segwita abbażi ta' reċiproċità u trasparenza totali, peress li żieda fil-fiduċja reċiproka hija kruċjali għall-iżvilupp gradwali ta' tali kooperazzjoni; jinnota, f'dan ir-rigward, li t-tressiq ta' missili Russi qrib il-konfini tan-NATO u tal-UE huwa kontroproduttiv;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Assemblea Parlamentari tan-NATO u lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO.

## OPINJONI TAL-MINORANZA

dwar tarka kontra l-missili għall-Ewropa u l-implikazzjonijiet politiċi u strateġiċi tagħha (2013/2170(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin, Rapporteur: Sampo Terho

Rapport tal-Minoranza mressaq mill-MEP Tarja Cronberg (Verts/ALE)

Ir-rapport jilqa' l-proġett tad-Difiża tal-Missili Ballistiċi (BMD) tan-NATO u jistieden lill-UE tagħti l-kontribut tagħha. Għandu wkoll il-ħsieb li jippromwovi l-idea li jorbot il-BMD tan-NATO mal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni (PSDK).

Il-Verts/ALE jirrifjutaw ir-rapport għaliex huwa jfittex li

- jappoġġja l-idea li l-indiviżibilità tas-sigurtà Ewropea tiġi mitmuma bil-ħolqien ta' żoni differenti ta' protezzjoni kontra missili li jkunu deħlin;
- jinjora l-fatt li l-istabbiliment tal-BMD tan-NATO qed jagħti bidu għal tellieqa ġdida għall-armamenti reġjonalment, internazzjonalment u wkoll fl-ispazju u bħala konsegwenza joħloq instabilità u nuqqas ta' sigurtà reġjonali u mondjali;
- jilleġittimizza investimenti finanzjarji u politiċi estensivi, fi żmien ta' kriżi finanzjarja u ekonomika, f'sistema li l-affidabilità teknika tagħha ma ġietx ipprovata;
- jappoġġja l-proġett tal-BMD tan-NATO li jista' jikkonsma aktar minn 20 biljun euro u b'hekk jikkonsma mezzi finanzjarji skarsi, li jistgħu jiġu investiti aħjar fid-diżarm, in non-proliferazzjoni ta' AQM u l-mod kif jiġu mwassla, id-diplomazija u approċċi oħra mhux militari li jimmiraw lejn it-titjib tas-sigurtà tal-Ewropa bħall-istabbiliment ta' Żona fil-Lvant Nofsani Ħielsa minn Armi tal-Qerda tal-Massa;
- jimmina l-proċess kontinwu ta' Akkomunement u l-Kondiviżjoni u jiddejva riżorsi tal-PSDK minn kompiti definiti fl-Artikolu 42 tat-TUE lejn il-BMD;
- jippromwovi politika kontradittorja vis-à-vis r-Russja billi joffri kooperazzjoni b'mod ġenerali, iżda jiċħad l-integrazzjoni Russa fil-BMD, u mbagħad isemmi t-theddida ta' missili (Russi) ta' medda qasira. dan l-approċċ jista' jwassal għal problemi rigward diskussjonijiet futuri dwar id-diżarm nukleari bejn l-Istati Uniti u r-Russja.

## OPINJONI TAL-MINORANZA

dwar abbozz ta' rapport dwar tarka kontra l-missili għall-Ewropa u l-implikazzjonijiet politiċi u strateġiċi tagħha (2013/2170(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin, Rapporteur: Sampo Terho

Rapport tal-Minoranza mressaq mill-Membru tal-GUE/NGL Sabine Lösing

Ir-rapport estremanament kontradittorju minn naħa jgħid li tarka kontra missili (AMS) hija "*proġett għali ħafna*", filwaqt li min-naħa l-oħra huwa favur l-AMS billi jiddikjara li jeżistu "*raġunijiet leġittimi għal tarka ta' difiża kontra l-missili*" għalkemm jista "*(j)ipprovdi sens falz ta' sigurtà*". Ir-rapport jagħmilha ċara li jeżisti riskju ta' attakk nukleari ("*riskju wieħed fost ħafna oħrajn*")

Aħna noġġezzjonaw għal dan ir-rapport peress li jpinġi stampa falza u kontradittorja tas-sitwazzjoni u l-kunflitt attwali dwar l-AMS/it-tarka ta' difiża/ il-programm simili, iwissi li tnaqqis fid-difiża jwassal għal nuqqas fil-kapaċità industrijali u militari u jmur għal sistema militari tan-NATO li hija għalja, ineffiċjenti u offensiva.

Aħna nitolbu li l-pjanijiet kollha għall-istabbiliment ta' AMS jiġu abbandunati għaliex din is-sistema

– qiegħda potenzjalment toħloq tellieqa ġdida għall-armanenti u timmilitarizza r-relazzjonijiet mar-Russja u ma' pajjiżi oħra u pjuttost tpoġġi lill-popli tal-pajjiżi tal-UE fil-periklu;
– qiegħda talloka b'mod żbaljat ammonti ta' flus li huma meħtieġa urġentement għan-nefqa soċjali, għajuna għall-iżvilupp, eċċ.

Nitolbu:
– diżarm radikali (inkluż CBRN) fil-livell tal-UE u f'livell dinji;
– Żona ħielsa ta' AQM fil-Lvant Nofsani u l-Mediterran;
– l-ebda finanzjament militari mill-baġit tal-UE
– li l-attivitajiet kollha jkunu strettament konformi mal-Karta tan-NU u mad-Dritt Internazzjonali;
– Separazzjoni stretta tal-UE min-NATO (dissoluzzjoni tan-NATO)

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 11.2.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 7<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Sir Robert Atkins, Bastiaan Belder, Hiltrud Breyer, Elmar Brok, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Richard Howitt, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Andrey Kovatchev, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Werner Schulz, Sophocles Sophocleous, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Eleni Theocharous, Geoffrey Van Orden, Sir Graham Watson, Boris Zala |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jörg Leichtfried, Doris Pack, Sampo Terho, Janusz Władysław Zemke |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ivari Padar, Dubravka Šuica |